MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 4

4 ta' Ġunju 2013

Minuti tas-seduta Nru. 4 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 4 ta' Ġunju 2013

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.1.2. **(Ref: T/3/2/Vol X)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 15.1. tas-Seduta preċedenti. Kompla jgħid illi wara żjara li saret fuq il-post mill-Kunsillier E. Bartolo u diskussjoni fil-Kunsill fis-seduta preċendenti, Transport Malta staqsew liema ser ikunu r-rotot alternattivi, kemm-il darba Triq Mons. Ġużeppi Schembri ssir one-way. Il-Kunsill ġie mistoqsi wkoll dwar jekk kienx hemm konsultazzjoni mar-residenti b'mod partikulari dawk li joqgħodu fiż-żona Ta' Pennellu.".*

1.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 4.12.2 **(Ref: M/8/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"4.12.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għal e-mail datat 28 ta' Marzu 2013, mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn għarraf li d-Dipartiment tal-Kura Primarja għandu l-intenzjoni li jagħmel taħditiet dwar testijiet għall-kanċer tas-sider u tal-musrana, bil-kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Kompla jgħid li kemm-il darba l-Kunsill ikun interessat, id-Dipartiment jinkludi l-Mellieħa fid-29 ta' Lulju 2013 fl-10.00am."*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 3, bl-emenda t'hawn fuq, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Assenjar ta' Uffiċjal mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (P/7/1/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għal minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u qal li huwa tkellem mas-Sur Mario Cutajar – is-Segretarju Permanenti Prinċipali – dwar l-assenjar imsemmi, possibilment sabiex jinżamm l-arranġament li kien hemm qabel dwar il-ħlas tal-paga tiegħu.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg ħa din l-opportunita` biex jgħarraf lill-Kunsill, illi permezz ta' *e-mail* datat 30 ta' Mejju 2013, l-Industrial Projects and Services Ltd, temmet l-assenjar ta' Simon Camilleri b'effett mit-3 ta' Ġunju 2013. Dan wara li huwa applika sabiex jingħata assenjament ieħor.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Ħarġa Kulturali (A/5/5/Vol IV)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.3.3. tas-seduta preċedenti u għarrfet illi għaż-żjara li saret fid-29 ta' Mejju 2013 fil-Maypole Bakery u fil-fabbrika Mediterranean Ceramics, kien hemm konkorrenza tajba. Fi tmiem iż-żjara, il-grupp għamel waqfa f'Palazzo Depiro fl-Imdina għall-kafe`.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Attrazzjonijiet f'postijiet pubbliċi (A/5/5/Vol IV)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u ċċarat li għal issa, bħala post fejn mużiċisti u artisti għandhom jingħataw l-opportunita` juru t-talenti tagħhom, ser ikun biss f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, kull nhar ta' Ġimgħa. Hija qalet ukoll li attwalment għaddejja bil-kuntatti ma' artisti u mużiċisti Melleħin.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Magazin tal-Kunsill "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol V)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-materjal għall-magazin "Mill-Qiegħa" għat-tfal kien inġabar kollu u ser jieħu tnax-il paġna, filwaqt li ser jinkludu żewġ kompetizzjonijiet, kemm bil-Malti, kif ukoll bl-Ingliż.

2.4.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-materjal għall-magazin "Mill-Qiegħa" qed jinġabar u appella sabiex minn irid jikkontribwixxi, jgħaddi l-materjal malajr kemm jista' jkun.

2.4.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.5.1. Sotto-Kumitat Wirt Storiku (K/2/Vol III)

2.5.2. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għall-minuta 14.2. tas-seduta preċedenti u ppropona li mal-membri fuq is-Sotto-Kumitat Wirt Storiku jiżdied is-Sur Salvu Attard.

2.5.3. Il-Kunsill approva n-nomina mressqa.

### 2.6.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Ambjent (T/6/1/Vol III)(A/5/3/Vol IX)

2.6.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni għall-minuta 4.8.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li Ocean Mysteries Diving mhux ser ikunu f'posizzjoni li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' Festa Ambjent, peress li huma kienu diġa kommessi fuq data oħra.

2.6.3. Is-Sur D. Vella kompla jispjega li tfassal programm li jinkludi *clean-up* fil-postijiet għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju, li għalija ser jiġi pprovdut trasport minn fejn l-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Ħadd 16 ta' Ġunju 2013, filgħodu ser tittellgħa kompetizzjoni tat-tpinġija bil-koperazzjoni mal-Art Club 2000, poezija għat-tfal tal-primarja, wirjiet tal-bonsai, ritratti, annimali eżotiċi, għasafa u oġġetti magħmula minn materjal riċikklat. Spiega wkoll li ser ikun hemm *stands* b'oġġetti tipiċi Maltin, kif ukoll ikel Malti mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata.

2.6.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 2.7.1. Festival Internazzjonali tal-Baned (A/5/3/4)

2.7.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li baqgħu għaddejjin il-kuntatti mal-baned tal-Mellieħa dwar is-suġġett t'hawn fuq, u rriżulta li minħabba mpenji oħra li dawn għandhom, ser ikollhom jiġu kkunsidrati dati ġodda wara l-Għid.

2.7.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### *2.8.1. Public Private Partnership* (P/11)

*2.8.2.* Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 21.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li kien hemm laqgħa oħra mas-Sur Newton Perry tal-lukanda Azur Golden Sands, kif ukoll mal-Fondazzjoni GAIA, fejn sar magħruf li s-Suq Artiġjanali (*Artisan Market*) fir-Ramla tal-Mixquqa ser jinfetaħ fid-29 ta' Ġunju 2013.

*2.8.3.* Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 29/05/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 03/05/13 – 29/05/13;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* -17/04/13 – 14/05/13
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' Offerti – Sejħa Nru. 1/2013 – Xiri ta' Poloz ta' Assikurazzjoni
- Minuti – Laqgħa mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa – 20/05/13;
- Minuti – Laqgħa ta' Kordinazzjoni – Proġett dwar Parkeġġ taħt l-Art f'Misraħ il-Parroċċa Manikata;
- Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri – Sena Finanzjarja 2012;
- Abbozz ta' tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2012;
- Termini ta' Referenza dwar Bord ta' Tmexxija għall-Park tal-Familja.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Talba għall-ħlas ta' danni – Inċident fi Triq il-Wilġa (D/5/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 9 ta' Mejju 2013, mibgħuta minn Fogg Insurance Agencies Ltd, fejn irreferew għal inċident li kienet involuta fiħ il-vettura Nru. ABC 008 fi Triq il-Wilġa, Manikata. L-inċident ġara fis-17 ta' April 2013 wara li r-rota tal-vettura msemmija waqgħet ġo ħofra li kien hemm fil-ġenb tal-istess triq. Id-danni jammontaw għal €506.70. It-talba kienet akkumpanjata bir-rapport tal-Pulizija, ritratti, rapport tas-*surveyor* u stima tal-*mechanic.*

4.1.3. Is-Segretarju qal li huwa għarraf lill-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-Kunsill dwar din it-talba, li min-naħa tagħhom taw parir li din tiġi kkunsidrata mill-Kunsill direttament, peress li l-*excess* fuq il-polza tal-*public liability* huwa ta' €500.

4.1.4. Wara li l-Kunsill ra d-dokumentazzjoni sottomessa, kien hemm qbil li l-istima ta' €506.70 taħt "*Miscellaneous Items*" mhux aċċettabbli u għalhekk kien hemm qbil li m'għandhomx jitħallsu aktar minn €100 mid-danni mitluba.

### 4.2.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq Franġisk Zahra (T/3/2/Vol X)

4.2.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 30 ta' Mejju 2013, mibgħut mis-sid tal-ħanut Classic Design illi aċċenna li qed isib diffikulta` biex jgħabbi u jħott minn vetturi b'rabta man-negozju msemmi, li jinsab fi Triq Franġisk Zahra kantuniera ma' Triq il-Kbira.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba hija ġustifikata u jistgħu jibbenefikaw minnha stabbilimenti kummerċjali oħra li hemm fi Triq il-Kbira. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex issir *Un/Loading Bay* fi Triq Franġisk Zahra, qrib it-taraġ li jagħti għal Triq Dun Franġisk Sciberras. Ġie deċiż ukoll li din tkun effettiva biss bejn id-9.00am u 1.00pm.

**4.3.1. *Policy* tal-MEPA dwar l-għoli tal-bini fil-każ ta' lukandi (P/5/4/Vol II)**

4.3.2. Saret referenza għal rapporti li dehru fil-ġurnali fejn tħabbar li l-MEPA ntroduċiet *policy* ġdida li permezz tagħha l-istess awtorita` ser tikkonsidra li l-lukandi jingħataw jibnu żewġ sulari oħra, bil-għan li jżidu s-sodod u jtejbu l-faċilitajiet tagħhom. Il-lukandi li ser jingħataw din il-konċessjoni huma dawk tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, Buġibba, Qawra, San Ġiljan Paceville, Sliema, Wied il-Għajn, Marsaxlokk u Birżebbuġa. Dan it-tibdil ma' japplikax fil-każ ta' lukandi li jinsabu f'żona ta' konservazzjoni urbani, f'ċentri storiċi jew li għandhom binjiet ta' valur arkitettoniku.

4.3.3. Is-Segretarju għarraf ukoll li saru rappreżentazzjonijiet mill-pubbliku fis-sens li l-Kunsill intalab jieħu posizzjoni dwar din il-*policy*.

4.3.4. Il-Kunsill innota l-bidla fil-*policy*, u kien tal-fehma li f'dan l-istadju m'għandhom jsiru ebda rappreżentazzjonijiet mal-MEPA, għar-raġuni li kull każ għandu jiġi trattat skont il-merti tiegħu waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni relattiva.

4.4.1. **Parkeġġ riżervat għal persuni b'diżabilita` fi Triq Ġorġ Borg Olivier (P/8/2/Vol IV)**

4.4.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 26 ta' Mejju 2013 mibgħut mis-Sur Ivan Castillo, fejn ilmenta mid-deċiżjoni meħuda fis-seduta preċedenti dwar rakkomandazzjoni sabiex jitneħħa il-parkeġġ għal persuni b'diżabilita` li hemm fil-pjazzetta ta' Triq Ġorġ Borg Olivier. Fis-seduta preċedenti, kien ġie deċiż lid an għandu jiġi trasferit għal Triq San Anna kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima, minħabba l-inkonvenjent u l-periklu li jiġi kkawżat.

4.4.3. Is-Sindku qal illi wara konsultazzjonijiet li huwa kellu dwar din il-materja, permezz ta' *e-mail* datat 31 ta' Mejju 2013, huwa talab lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita` sabiex jirtira r-rakkomandazzjoni li tresqet wara d-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti. Is-Sur J. Buttigieg stqarr ukoll li l-alternattivi li ssemmew, fosthom dik li l-area riżervata tmur preċiżament qrib il-ħanut "U-Bet", kienu ser jesponu lill-persuni b'diżabilita` għal iktar periklu milli joffri l-arranġament eżistenti fil-pjazzetta.

**4.5.1. Proġett PIM Energethica dwar *compactor* għall-faxxina tal-prodotti agrikoli (P/10/22)**

4.5.2. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* mibgħut min-National Coordination Authority, Funds and Programmes Division, fejn fakkret li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa huwa msieħeb fi proġett. Kompla jgħid li skont informazzjoni mogħtija lill-Kunsill mis-Sindku preċedenti – is-Sur Robert Cutajar, dan jinvolvi l-iżvilupp ta' *compactor* għall-faxxina ġġenerata mill-prodotti tar-raba. Dan il-faċilita` tirrikjedi kamra ta' 4 metri b'4metri u tippermetti li l-bdiewa jiddisponu mill-faxxina mingħajr ma din tinħaraq b'dannu għall-ambjent. L-inizjattiva ser tittieħed flimkien ma' WasteServ Malta Ltd u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, permezz ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea. Is-Sur C. Debono qal li ser issir laqgħa mal-imsieħba kollha fil-5 ta' Ġunju 2013 sabiex jinkiseb aktar tagħrif, filwaqt li jiġi stabbilit x'passi jridu jittieħdu mill-imsieħba kollha biex dan il-proġett jitwettaq.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jattendu l-Viċi Sindku C. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinkisbu aktar dettalji.

**4.6.1. PC 0021/13 – Propost bdil fil-linja tat-Triq il-Kunsill tal-Ewropa k/m Triq Ta' Masrija (P/5/8/K)**

4.6.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 3 ta' Ġunju 2013 mibgħut mill-MEPA, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li saret applikazzjoni – PA 0021/13 – sabiex tinbidel il-linja tat-triq skont pjanta pprovduta.

4.6.3. Wara li l-Kunsill ra l-pjanti relattivi kien tal-fehma li t-tibdil propost mhux meħtieġ biex jiġi eliminat xi periklu bil-linja tat-triq eżistenti. Il-Kunsill kien tal-fehma li tibdil propost ikun jinvolvi wkoll bdil fil-linja tal-bini u spusstjar tas-servizzi li għaddejjin taħt il-wiċċ tal-bankini. Kemm-il darba jiġi approvat dan, ikun ifisser ukoll li jridu jiġu spusstjati s-servizzi li għaddejjin fis-*service culvert* pubbliku li hemm taħt il-bankina eżistenti.

### 4.7.1. Bdil fil-linja tal-bankina fi Triq l-Għoljiet k/m Triq in-Naħal (T/4/10)

4.7.2. Saret referenza għal ittra datata 31 ta' Mejju 2013, mibgħuta mill-operatur ta' Billy's Music Bar fejn intqal beħsiebu jitlob lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex iqiegħed imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbliment tiegħu. Huwa qed jiġi mxekkel milli jagħmel hekk peress li l-bankina mhux wiesgħa biżżejjed biex tippermetti t-tqegħid ta' mwejjed. Għalhekk talab lill-Kunsill sabiex din titwessa'.

4.7.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li tali tibdil jirrikjedi l-permess tal-MEPA wara li ssir konsultazzjoni ma' Transport Malta.

4.7.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li titwessa' il-bankina sal-*built-out* eżistenti, b'tali mod li jonqos spażju ta' vettura waħda fi Triq l-Għoljiet quddiem l-istabbiliment in kwistjoni. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi vverifikat mal-*Contracts Manager* dwar minn irid japplika – jekk huwiex is-sid tal-istabbiliment, jew il-Kunsill (peress li bankina hija pubblika).

### 4.8.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza 2013 (F/1/7/Vol III)

4.8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-*e-mail* datat 31 ta' Mejju 2013, mibgħut mid-Dipartiment tal-Kummerċ, fejn għarraf illi l-attivitajiet li fuqhom tressqet in-nominazzjoni tal-Kunsill kienu għad iridu jitwettqu u għalhekk din ma tqiesitx eliġibbli. Is-Sur C. Bartolo qal li dan m'huwiex korrett, peress li n-nominazzjoni kienet imsejsa fuq proġetti oħra li diġa twettqu jew li għadhom għaddejjin. Ingħatat kjarifika bil-miktub permezz ta' *e-mail* datat 31 ta' Mejju 2013. Ir-raġunijiet mogħtija ġew aċċettati u n-nominazzjoni tal-Mellieħa tpoġġiet ma' dawk li għadhom eliġibbli.

4.8.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija.

### 4.9.1. Moll tat-Tunnara (X/1/5)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 22 ta' Mejju 2013 mibgħut mill-Kumitat dwar il-Moll tat-Tunnara, kif ukoll għal żjara li huwa għamel fuq il-post. Is-Sur J. Buttigieg spjega li l-Kumitat qed jipproponi li jinżebgħu l-*parking bays* sabiex jiġu osservati matul ix-xhur tas-Sajf meta l-opri jkunu kollha tniżżlu l-baħar. Talbu wkoll li jiżdied id-dawl fuq il-Moll, kif ukoll li ssir rampa sabiex ikun hemm aċċess bil-vetturi għal parti l-għolja tal-moll bil-għan li tiffaċilita l-ħatt u tagħbija. Sar appell sabiex jitqiegħed *armoured cable* fid-*ducts* li saru apposta taħt l-art meta sar it-tarmak. Ġie spjegat li l-kumitat għandu l-intenzjoni jipprovdi *point* qrib il-moll, minn fejn is-sajjieda jkunu jistgħu iqabbdu għodod biex jagħmlu manutenzjoni fuq l-opri tagħhom. Intalbu wkoll *wave breakers* sabiex ma ssirx ħsara lill-moll bil-maltemp.

4.9.3. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat l-introduzzjoni ta' *floodlight* biex iddawwal il-moll, u fil-fatt ġie ordnat lill-kuntrattur kuntrattur konċernat.

4.9.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tintalab stima sabiex jitqiegħed l-*armour cable* mitlub, filwaqt approva l-introduzzjoni ta' *parking bays* għall-vetturi li jkunu jistgħu jintużaw wkoll għall-opri tal-baħar li jittellgħu l-art matul ix-xitwa. Kien hemm qbil ukoll li għandha tiġi kkunsidrata r-rampa mill-parti baxxa għall-parti l-għolja tal-moll.

### 4.10.1. Rijabilitazzjoni tal-Fortizza tas-Salib (R/2)

4.10.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 4 ta' Ġunju 2013, mibgħuta mill-Mellieħa Scout Group dwar ir-rinovar illi għaddej bih il-grupp fuq il-Fortizza tas-Salib li kien jinvolvi kmamar użati bħala klassijiet, kif ukoll ix-*showers*. Jeħtieġ ukoll li jinbidlu xi aperturi sabiex ikun hemm aktar sigurta`.

4.10.3. Il-Kunsill innota l-inizjattivi li qed jittieħdu u ddeċieda li għandhom jiġu identifikati metodi kif jinstabu l-fondi meħtieġa.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imessqa *Purchase Request Form* datata 29 ta' Mejju 2013.

5.3. Tresqet ukoll *Purchase Request Form* datata 4 ta' Ġunju 2013, b'rabta mal-Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun.

5.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-3 ta' Mejju u d-29 ta' Mejju 2013.

6.3. Tresset ukoll skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn is-17 ta' April u l-14 ta' Mejju 2013.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

**7.1. Ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri – Sena Finanzjarja 2012 (F/1/2/Vol VIII)**

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2012, kif ukoll għall-abbozz tat-tweġiba mħejjija minnu, liema dokumenti ntbagħtu lil kull kunsillier qabel is-seduta.

7.3. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba, li ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**8.1. *Bye-Laws* li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-Lokalita` tal-Mellieħa – KLBL 37/1/2011 (B/5/Vol IV)**

8.2. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill illi r-reviżjoni tal-*bye-laws* imsemmija kienet ġiet ikkunsidrata mill-Kunsill preċedenti, iżda l-emendi baqgħu ma ġewx effettwati. Ġie spjegat li r-reviżjoni tinvolvi l-aspetti seġwenti:

- *Bye-Law* 2: Definizzjoni tal-kelma "*Caravan*" fis-sens li tfisser kull vettura li titmexxa minn post għal'ieħor, sew bil-qawwa mekkanika tagħha jew mingħajrha, maħsuba biex iġġorr persuni u li tkun mgħammra b'sodod jew armata b'mod li fiha jista' jissajjar ikel, u tinkludi *campers*;
- *Bye-Law* 3.1.: Parkeġġ ta' *Caravans* f'postijiet pubbliċi fis-sens li xejn minn dawn il-*Bye-Laws* m'għandu jitqies li qiegħed jipprojbixxi l-ipparkjar ta' *motor caravans* fil-lokalita` sakemm ma jitpoġġewx imwejjed u siġġijiet bil-għan li ssir xi attivita` ma' genb tali vetturi;
- *Bye-Law* 4.4.: Dritt ta' €5 kuljum fuq kull permess fil-każ ta' gruppi inqas minn ħmistax-il persuna; u
- *Bye-Law 5: Rounding* tal-multa f'każ ta' kontravvenzjonijiet li minn € 69.88 issir € 70.00.

8.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jkun hemm rata waħda fissa ta' €5.00 kuljum għal kull permess kopert bil-*bye-laws,* bil-għan li jiġu evitati kumplikazzjonijiet fl-interpretazzjoni.

8.4. Billi għal raġunijiet ta' kontroll, attwalment qed jinħareġ permess bil-miktub anke f'każi fejn ikun hemm anqas minn ħmistax-il persuna nvoluta, il-Kunsill iddeċieda li din il-prattika għandha tinżamm u tkun koperta b'*bye-law*. Għaldaqstant il-*provisos* mal-*bye-law* 3.1. għandhom jitneħħew.

8.5. Minħabba t-tibdil maqbul fir-rigward tal-*bye-law* 3.1. , il-Kunsill qabel ukoll li l-*provisos* mal-*bye-law* 4.4. għandhom jitneħħew, peress ser tiġi ntrodotta rata waħda fissa ta' €5.00 kuljum għal kull permess.

8.6. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Ewwel Skeda annessa mal-*bye-laws* għandha tinkludi:

(a) lista ta' postijiet fejn jistgħu jsiru *barbecues* u ikkampjar;

(b) Tnaqqis mill-medda tal-art allokata fl-inħawi tal-Aħrax tal-Madonna, billi l-iskeda attwali tinkludi art agrikola.

8.7. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lill-konsulent legali sabiex ifassal abbozz tal-*bye-laws* bl-emendi approvati.

8.8. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa mal-Uffiċjal Awtorizzat – is-Sur Anthony Borg Caruana – dwar l-infurzar tal-*bye-laws* fil-postijiet għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax. Intlaħaq qbil li s-servizz li kien jingħata mill-Gwardjani Lokali assistiti mill-Pulizija jitwaqqaf u minflok issir superviżjoni minn żewġ Gwardjani biss, kull nhar ta' Sibt. Huwa qal ukoll li għall-istess laqgħa attendew il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

8.9. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li ssir stqarrija għall-istampa sabiex tispjega l-*bye-laws* attwali lill-pubbliku.

## 9.1. Avventura Sajf 2013 (E/3/4/Vol VIII)

9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li komplew il-kuntatti in konnessjoni ma' dan il-proġett, fosthom mal-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Irriżulta li s-sular ta' fuq tal-iskola ser ikun okkupat kollu għat-tagħlim tal-Ingliż lill-barranin, filwaqt li l-klassijiet kollha fis-sular t'isfel, bl-eċċezzjoni ta' tlieta, huma riżervati għall-proġett Club 3-16 li jitmexxa mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Is-Sinjura Brincat Stellini kkummentat li meta wieħed iqis li f'Avventura Sajf 2012 kien hemm madwar 130 tifel u tifla, tliet ikmamar mhux ser ikunu biżżejjed biex jakkomodaw dan in-numru. Minkejja dan, jista' jagħti l-każ li l-konkorrenza għal Club 3-16 ma tkunx daqshekk qawwija u għalhekk ikun hemm aktar spazju għall-Avventura Sajf 2013. Qed jiġi ppjanat li l-proġett jibda fl-10 ta' Lulju u jintemm fl-4 ta' Settembru, bejn it-8.30am u s-1.00pm.

9.3. Is-Segretarju għarraf li l-*costings* inħadmu fuq tliet klassijiet ta' 30 persuna kull waħda, li jkunu jirrikjedu: kordinatur; żewġ *learning support assistants*; tliet student universitarji; u tliet *helpers*. Huwa stmat li l-proġett jiġi jiswa €10,987 filwaqt li d-dħul ikun €6,800. Dan kemm-il darba il-miżati mħallsa jkunu ta' €120 ghall-ewwel wilt u €100 għat-tieni jew iktar.

9.4. Il-Kunsill approva t-tħejjijiet li saru.

## 10.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li din l-edizzjoni ssir nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2013, bil-bandu jibda fis-7.00pm minn Triq il-Kbira, jgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella, u mistenni li jasal f'Misraħ il-Parroċċa fit-8.00pm. Dan ser ikun akkumpanjat minn 31 membru mill-grupp In Guardia. Is-Sur C. Bartolo spjega li l-ewwel għaxar membri tal-In Guardia ser ikunu mingħajr ħlas, filwaqt li l-bqija jkunu €25 kull wieħed. Il-Kunsill jeħtieġ jipprovdilhom it-trasport. Is-Sur C. Bartolo, kompla jispjega li l-attivita` f'Misraħ il-Parroċċa ser jinkludi programmi qosra mill-baned Imperial u La Vittoria u żfin mill-grupp Artemocion. Ippropona wkoll li jkun hemm *stands* b'ikel tradizzjonali mtellgħa minn għaqdiet Melleħin. Biex tingħata pubbliċita` lill-attivita` sar id-disinn u stampar ta' *billboard* fit-telgħa ta' Selmun, li jiswew €200 u €280, rispettivament.

10.3. Il-Kunsill laqa' l-proposti mressqa.

## 11.1. Tmexxija tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/1)

11.2. Is-Sindku rrefera għat-termini ta' referenza li ġew mgħoddija lill-kunsillieri qabel is-seduta. Il-punti kollha ġew moqrija waqt is-seduta punt, punt. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll għall-membri tal-Bord li qed jiġu proposti, apparti l-uffiċjali tal-Kunsill li huma s-Sindku, l-Viċi Sindku, il-Kunsillier H. Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa ddeskriva lis-Sur Ronald Vella bħala persuna li għandu esperjenza fl-amministrazzjoni relatata mal-isports, tant li attwalment huwa l-*coach* tat-tim nazzjonali tal-futbol taħt il-21 sena, filwaqt li s-Sur Aldrin Cassar huwa coach tat-tim ta' taħt il-15-il sena tal-Mellieħa Football Nursery u s-Sur Joseph Agius huwa nvolut fit-tmexxija tal-istess *Nursery*.

11.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li jkun hemm membru mill-għaqdiet li ser jagħmlu użu mill-kumpless.

11.4. Is-Sindku wieġeb li l-għaqdiet ser ikunu rapprezentati mill-Kunsillier H. Fenech li huwa l-President tal-Mellieħa Basketball Team.

11.5. Il-Kunsill approva kemm it-termini ta' referenza, kif ukoll il-ħatra tal-persuni msemmija, kif indikat fid-dokument imressaq. Ġie deċiż ukoll li lt-terminu tal-Bord ikun marbut ma' dak tal-Kunsill li jkun ħatru.

## 12.1. Tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/A)

12.2. Is-Sindku rrefera għall-abbozz tal-ftehim dwar it-tmexxija tal-*heritage trail* mill-Fondazzjoni ARKEO. Huwa ppropona li dan ikun għall-perjodu ta' sena, partikularment minħabba li kemm il-Kunsill, kif ukoll il-Fondazzjoni m'għandhomx daqshekk esperjenza fit-tmexxija ta' proġetti ta' din ix-xorta. Is-Sur J. Buttigieg qal li wara perjodu ta' sena wieħed ikun jista' jevalwa r-riżultati miksuba.

12.3. Il-Kunsill approva din il-proposta, filwaqt li ddeċieda li għandha ssir laqgħa ma' delegazzjoni mill-Fondazzjoni fis-6 ta' Ġunju 2013 fis-6.00pm.

## 13.1. Traġitt ta' vetturi fi Triq is-Santwarju k/m Ġnien Ingraw (T/3/2/Vol IX)

13.2. Is-Sindku għarraf li l-proprjetarju ta' residenza fil-post imsemmi lmenta miegħu li vetturi kbar, inkluż karozzi tal-linja qed spiss jolqtu l-*bollards* bil-periklu li jintlaqtu l-ħitan ukoll. Għaldaqstant qed jiġi propost li jerġgħu jidħlu fis-seħħ l-arranġamenti temporanji li kien hemm waqt li kienu għaddejjin xogħlijiet fuq Dawret il-Mellieħa. Permezz ta' dan l-arranġament, Triq Ġnien Inġraw kienet *one-way* bejn Triq l-Għollieqa u Triq is-Santwarju, filwaqt li vetturi kbar fi Triq is-Santwarju għandhom jiġu pprojbiti milli jduru direttament għal Triq Ġnien Ingraw, iżda minflok jibqgħu sejrin għal Triq l-Għollieqa.

13.3. Il-Kunsill approva l-arranġament propost.

## 14.1. Użu tal-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li l-faċilita` msemmija tintuża sabiex jingħataw lezzjonijiet taż-zumba u *aerobics*. Hija qalet li biex isir dan, jeħtieġ issir konsultazzjoni mal-għaqdiet sportivi li jagħmlu użu mill-*court*.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 15.1. Rijabilitazzjoni tal-Wied Ta' Għajn Żejtuna (S/2/1)

15.2. Is-Sindku għarraf li kellu laqgħa ma' delegazzjoni mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate, fejn sar magħruf li l-għaqda kompliet bl-inizjattiva tagħha dwar ir-rijabilitazzjoni tal-Wied ta' Għajn Żejtuna u waslet fi stadju fejn teħtieġ *shredder* sabiex jitqattgħu l-friegħi mis-siġar li nżabru u l-għollieq li tneħħa. L-għaqda teħtieġ għajnuna wkoll biex isiru ħofor sabiex jitħawwlu siġar ġodda. Huwa stmat li dan jinvolvi spiża ta' €3,900. Dwar il-kiri ta' *shredder*, l-għaqda intalbet ħlas ta' €5,900.

15.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li tali spejjeż ma' kinux previsti fl-estimi 2013.

15.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jottjeni stimi sabiex isir il-ġbir u t-tagħbija tal-frieghi tas-siġar li nqatgħu, għall-ġarr tagħhom u għat-tħaffir tal-ħofor.

## 16.1. Nuqqasijiet fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (X/1/1/Vol II)

16.2. Is-Sindku qal li saru lmenti miegħu dwar in-nuqqas ta' latrina pubblika fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, kif ukoll anke dwar nuqqas ta' dwal għal bil-lejl, partikularment hekk kif wieħed jasal fil-bajja.

16.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba lill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex isir magħruf dwar jekk tistax tiffinanzja t-tqegħid ta' *mobile toilets*. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir talba għal *floodlight* sabiex iddawwal ir-ramla.

## 17.1. Faċilitajiet akkwistati mill-Kumitat Konġunt Tramuntana (W/3/Vol XI)

17.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-fatt illi l-Kumitat Konġunt Tramuntana li kien kompost mill-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, Ħal-Għargħur u n-Naxxar, kien akkwista faċilitajiet li permezz tagħhom seta jopera. Bix-xoljiment tal-Kumitat Konġunt u l-introduzzjoni tal-Kumitat Reġjonali Tramuntana daħlu l-Kunsilli Lokali tar-Rabat, l-Imdina, Ħad-Dingli, Pembroke u s-Swieqi, liema kunsilli issa qed jibbenefikaw

mill-istess faċilitajiet. Il-Kumitat Reġjonali qabel li l-kunsilli membri fil-Kumitat Konġunt għandhom jiġu kkumpensati skont id-daqs tagħhom, mill-kunsilli li daħlu ġodda. Għall-Mellieħa dan ifisser somma ta' €33,000 liema somma ser tiġi depożitata fil-kont bankarju tal-Kunsill.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Depożitu ta' ġebel fl-Aħrax tar-Ramel (T/10/Vol II)

18.2. Saret referenza għal artiklu li deher fil-ħarġa tal-gazzetta Sunday Times tal-1 ta' Ġunju 2013, fejn ġie rrappurtat li ntremgħa terrapien b'mod abbużżiv wara il-kappella tal-Kunċiżżjoni fl-inħawi msemmija, fejn anke nkiteb li kien hemm vettura tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet involuta. Is-Sindku qal li huwa minnu li kien hemm volum żgħir ta' ġebel li nġarr mill-inħawi tal-Qortin it-Twil. Dan bil-għan li jiġu restawrati ħitan tas-sejjieħ mill-membri tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti. Irriżulta wkoll li l-parti l-kbira tal-ġebel inġieb minn kuntrattur privat fuq talba tal-istess għaqda. Huwa fakkar li l-Kunsill kien mgħarraf b'din inizjattiva waqt laqgħa li saret ma' delegazzjoni tal-istess għaqda. Inħarġet stqarrija għall-istampa sabiex tispjega s-sitwazzjoni fit-2 ta' Ġunju 2013.

18.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 19.1. Żvilupp tal-lukanda Seabank (P/5/8/G)

19.2. Is-Sindku qal li huwa nfurmat li l-MEPA kienet imponiet *planning gain* qabel inħarġu l-permessi PA 0720/05 u PA 4689/10 dwar l-estensjoni tal-lukanda Seabank fl-Għadira. Huwa kompla jgħid li dan kien jammonta għal €150,000, filwaqt li l-iżviluppatur ħallas €50,000 minn din is-somma. Il-bilanċ kollu ser imur fl-*Environmental Initiatives in Partnership Programme (EIPP).* Permezz ta' ittra datata 18 ta' Mejju 2013, saret talba lill-MEPA sabiex dawn il-flus possibilment jintefqu fuq proġett ġewwa l-Mellieħa. Għaldaqstant l-MEPA ntalbet sabiex jingħata żmien sa Diċembru 2013 ħalli jitħallas il-bilanċ dovut, bil-għan li l-Kunsill u l-iżviluppatur jidentifikaw proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati minn dan is-sors.

19.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet..

## 20.1. Ħarġa Kulturali (A/5/5/Vol III)

20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-ħarġa kulturali li jmiss tkun fis-27 ta' Ġunju 2013, permezz ta' *open top bus*, lejn in-nofsinhar ta' Malta. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li qed jiġu kkunsidrati ħarġiet oħra lejn Għawdex u fil-Ġżejjer ta' San Pawl. Tal-aħħar hija ppjanata għall-26 ta' Lulju 2013.

20.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 21.1. Skema Tagħlim Tul il-Ħajja (*Lifelong Learning*) (E/3/1/Vol III)(E/3/1/8)

21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-Memo 9/2013 dwar l-iskema msemmija għas-sena 2013-14. Hija qalet li saret applikazzjoni fuq il-korsijiet kollha li hemm offruti, sabiex isir magħruf liema l-aktar jippreferu r-residenti. Apparti dan ser issir sejħa għal oħrajn li jistgħu jsiru fuq inizjattiva tal-Kunsill, bħalma huma taż-żfin zumba, l-ewwel għajnuna, aerobics, saħħa u siġurta` fuq il-post tax-xogħol, wirt storiku, u fin-nawtika.

21.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed ttieħed

## 22.1. Laqgħa għall-komunita` kummerċjali (K/10)

22.2. Il-Kunsillier P. Cutajar aċċenna għal-laqgħa li saret għall-komunita` kummerċjali fit-30 ta' Mejju 2013. Fost is-suġġetti li tqajmu mis-Sindku waqt l-istess laqgħa kien hemm is-segwenti:

- L-attivitajiet kulturali li għandu ppjanati l-Kunsill;
- Tqassim ta' arloġġi tal-ipparkjar flimkien ma' *posters* b'avviż li jgħid "Tinsiex twaħħal l-arloġġ fil-vettura tiegħek", lis-sidien tal-ħwienet ta' Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier;

- Proġett tal-*funiculaire* jew proġett tal-mina biex tonqos il-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin; u
- Ipparkjar limitat bil-ħin fi Triq Sant' Anna.

**23.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2013 (A/5/3/5/Vol V)**

23.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li kompla t-tħejjijiet sabiex tinġieb *tribute band* tal-grupp Queen, possibilment permezz ta' *sponsor* li jagħmel tajjeb għall-ispiża nvoluta ta' €4,500. Għaldaqstant qed isiru kuntatti ma' entitajiet kummerċjali biex jintlaħaq dan il-għan. Huwa kompla jispjega li l-palk ta' Misraħ il-Parroċċa ser ikun armat fuq trakk u anke f'dan il-każ l-ispiża nvoluta ser tkun sponsorjata. Huwa għarraf li minn stima li nġabret dwar id-dwal u l-apparat meħtieġ għall-palk irriżulta li l-ispiża tammonta għal €2,844 u anke f'dan il-każ mistenni li din tkun sponsorjata minn entitajiet kummerċjali.

23.3. Is-Sur C. Bartolo ssuġġerixxa l-kunċert tal-Queen ikun il-Ġimgħa 16 ta' Awwissu f'Misraħ il-Parroċċa, filwaqt li s-Sibt u l-Ħadd, l-attivitajiet ikunu mifruxa fuq Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira.

23.4. Permezz ta' ittra datata 23 ta' Mejju 2013, Gaffiero Productions għarrfu li għandhom l-intenzjoni illi jinkludu l-Mellieħa fil-programm "Sajf ma' Gaffiero" illi ser jiġi trasmess fuq One TV. Dan jikkonsisti, fost *items* oħra f'intervisti, wirja ta' moda, kant eċċ. Is-Sur C. Bartolo qal li din l-opportunita` għandha tiġi abbinata mal-għeluq tal-Iljieli Melleħin.

23.5. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 5 ta' Marzu 2013, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ma kinitx ġiet aċċettata l-applikazzjoni li saret għall-iffinanzjar ta' parti mill-Iljieli Melleħin 2013, permezz tal-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013 (Memo 38/2012)

23.6. Il-Kunsill innota u approva l-proposti mressqa fid-dawl tat-tagħrif mogħti fil-minuta 23.5.

**24.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)**

24.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-konferenza msemmija li żvolġiet f'Casalborgone (Turin) fl-Italja bejn il-25 u s-27 ta' Mejju 2013. Huwa fakkar li l-kelliema u l-preżentazzjonijiet li għamlu s-Sinjuri Sammy Vella, Jeffrey Sammut u Veronica Farrugia, kienu l-aħjar fost il-parteċipanti l-oħra, li kienu ġejjin minn Cugir fir-Rumanija, Vecipiebalgas fil-Latvia u Casalborgone.

24.3. Is-Sur C. Bartolo kompla jgħid l-imsieħba ewlenin beħsiebhom japplikaw għall-finanzjament għall-Proġett Terra Mirabilis 2 taħt il-programm tal-Unjoni Ewropea "*Europe for Citizens*" bil-għan li jiġu trattati temi bħal:

- Effetti tat-tieni Gwerra Dinjija fuq il-lokalitajiet imsieħba;
- Restawr ta' binjiet marbuta ma' pellegrinaġġi reliġjużi;
- Bastimenti tal-qlugħ; u

24.4. Is-Sur C. Bartolo qal li waqt il-konferenza, id-delegazzjoni ġiet avviċinata mis-Sur Adam Rose li għalkemm huwa Ingliż, huwa bbażat f'Casalborgone u għandu aġenzija li ġġib żgħażagħ biex jistudjaw fir-reġjun tal-Piemonte. Is-Sur Rose interessat li jġib studenti sabiex jistudjaw l-eko-sistemi ta' Malta. Għal dan il-għan, huwa ser ikun Malta fi ftit tal-jiem oħra.

24.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għall-25 ta' Ġunju 2013 fis-7.30pm

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**